MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Numru 835/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Patrick Spiteri u**
**Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

Dominic Fava
Matthew Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Dominic Fava u Matthew Zammit ta' karta ta' identita' numru 429371(M) u 164977(M) rispettivament, akkuzati:

Talli f'Bormala nhar it-28 ta' Settembru, 2004 u fil-jiem ta' wara ghall-habta tat-8:00 p.m. flimkien ma' persuna jew persuni ohra ikkomettew serq ta'oggetti antiki fosthom mera indurata, pittura religjuza fuq iz-zejt, arlogg tal-

kampnar u par Torok tat-tarag li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1000 ghad dannu ta’ Vittoria Licari I.D. 330820(M) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzati wkoll talli f’dawn l-ahhar jiem u qabel it-3 ta’ Ottubru 2004, f’Malta xjentement laqghaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xejntement b’kull mod li jkun indahhlu biex jbieghhom jew imexxuhom.

Domenic Fava wahdu akkuzat ukoll talli bl-istess cirkostanzi sar recediv b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru defenittivi.

Semghet lill-imputati f’din l-ewwel udjenza quddiema jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati huma ta’ serq aggravat u ricettazzjoni liema reati huma ghad-eskussjoni ta’ xulxin.

Illi jirrizulta fic-car li hija l-akkuza ta’ serq li taghha l-imputati ghandhom jirrispondu. Ghal din l-akkuza l-imputati volontarjament u inkondizjonament ammettew ukoll ghal din l-akkuza.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kap 9, ukoll l-Artikolu 49, 50 u 31 tal-istess Kap 9 fil-konfront tal-imputat Domenic Fava u tiddecidi li fil-konfront ta’ Matthew Zammit li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht sorveljanza ta’ ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta’ tlett snin mill-lum; fir-rigward Domenic Fava li tilliberah taht l-Artikolu 22 Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal tlett snin mill-lum oltre li timponi fuqu ordni ta’ servizz fil-komunita’ ai termini tal-Artikolu 11

et seq tal-Kap 446 kif ikun lilu specifikat u ordnat skond l-istess Kap.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------